2024/2162

14.8.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2162

tal-14 ta' Awwissu 2024

li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK.

(2) Fit-30 ta' Lulju 2024, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2140 (2014) neħħa żewġ persuni mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/932/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/932/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

[1] ĠU L 365, 19.12.2014, p. 147.

ANNESS

L-entrati li ġejjin huma mħassra mil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "Persuni" fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/932/PESK ("Lista ta' persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikoli 1(1), 2a(1) u l-Artikolu 2b(1) u (2)"):

3. Ali Abdullah Saleh (magħruf ukoll bħala: Ali Abdallah Salih);

5. Ahmed Ali Abdullah Saleh (magħruf ukoll bħala: Ahmed Ali Abdullah Al-Ahmar).